# Il-Festa ta' Santa Marija tal-Gudja fis-snin sittin

Il-festa titulari ta' Santa Marija tal-Gudja għandha għeruq antiki ħafna u dan wassal biex illum il-ġurnata qegħdin niċċelebraw festa li hija frott tal-wirt li ħallewlna missirijietna l-Gudjani li għax kellhom għal qalbhom il-festa tal-Assunta, ħadmu ħafna biex ixenxlu għeruq il-festa fostna. Li nħarsu lura lejn il-passat, anki lejn dak mhux daqstant imbiegħed, jgħinna napprezzaw aktar dak li għandna llum il-ġurnata biex filwaqt li permezz tal-festa nibqgħu nagħtu ġieħ lil Alla permezz ta' Marija, fl-istess waqt nagħrfu l-wirt marbut mal-festa li ħallewlna ta' qabilna.




*Il-faċċata tal-programm tal-festa tal-1960*

**Il-parroċċa tal-Gudja fis-snin sittin**

Fil-bidu tas-sittinijiet tas-seklu għoxrin, il-Gudja kellha popolazzjoni ta' madwar 1,800 persuna u l-kleru tal-parroċċa kien iffurmat mill-Kappillan Dun Lawrenz Cachia (1959-1963), il-Viċiparrokku Dun Ġanmarì Scicluna, il-Kanonku Antonio Saliba u Dun Daniel Farrugia. Imbagħad, fl-1963, il-parroċċa għaddiet taħt it-tmexxija ta' Dun Edgar Attard li serva bħala kappillan sal-1971. F'dan id-deċenju, il-parroċċa ċċelebrat festi speċjali fl-1961 meta fakkret il-525 sena mill-ewwel darba li tissemma l-parroċċa ta' Bir Miftuħ mill-Isqof Senatore De Mello fir-Rollo tal-1436.

**Il-festi interni**

Jekk tħalli barra xi tibdiliet żgħar, ninnutaw li l-programm tal-festi interni tal-festa titulari fis-sittinijiet kien simili għal dak li jiġi ċċelebrat illum il-ġurnata. Il-mużika tal-festa interna kienet taħt it-tmexxija tal-Meastro di Cappella Giuseppe Camilleri li l-mużika tiegħu għadha tinstema' sal-lum il-ġurnata fil-jiem tal-festa.

**Il-jiem tat-Tridu**

Bħal-lum il-ġurnata, l-aħħar tlett ijiem ta' preparazzjoni għall-festa kellhom sehem ċentrali fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa titulari. Nhar l-ewwel jum tat-Tridu filgħaxija kien isir l-Għasar u prietka dwar il-Madonna. Wara, kienet tingħad il-kurunella tal-Assunta, jitkantaw is-Salve Regina, il-Litanija tal-Madonna, l-Innu u l-Antifona u fit-tmiem tal-funzjoni, tingħata l-Barka Sagramentali. Mill-1964, qabel l-Għasar u fl-funzjoni tat-Tridu bdiet issir ukoll quddiesa letta.

Matul it-tieni u t-tielet jum tat-Tridu, kienet issir quddiesa kantata filgħodu. Filgħaxija, imbagħad, kienet issir funzjoni bħall-ewwel jum tat-Tridu.

**Lejlet il-Festa**

Lejlet l-Assunta filgħodu, kif isir illum, kienet issir quddiesa kantata filgħodu bil-kant tat-Te Deum u bl-Antifona ta' Santa Marija. Mill-programm tal-festa tal-1964, insibu stedina għall-persuni morda tal-parroċċa biex jattendu għal din il-quddiesa tat-*Te Deum* fejn bdiet issir ukoll funzjoni għalihom.

Filgħaxija, imbagħad, insibu t-translazzjoni solenni tar-relikwa tal-Madonna segwita mill-Għasar, il-Kompjeta (it-talb ta' filgħaxija), il-kant tas-Salve u tal-Litanija u l-barka sagramentali li tagħlaq il-funzjonijiet liturġiċi ta' lejlet il-festa.

**Jum il-Festa**

M'għandniex xi ngħidu li l-funzjonijiet fil-knisja kienu jilħqu l-qofol tagħha nhar il-festa tal-Assunta. L-iktar quddies kmieni nhar il-festa, li

nsibu f'xi snin tas-sittinijiet, kien isir fl-4.30 am u fil-5.30 am. Imbagħad, għall-ħabta tas-6.00 am kien isir it-talb uffiċjali tal-Knisja ta' sbieħ il-jum (il-Matutin). Il-qofol tan-nofstanhar ta' filgħodu kien jintlaħaq bil-funzjoni tal-kant tat-terza u l-quddiesa solenni ta' Santa Marija bil-paniġierku li kienet tibda fid-9.15 am.
Waranofsinhar, fil-5.30 pm kien isir l-Għasar solenni u tingħad il-Kompjeta u mbagħad kienet tinħareġ il-purċissjoni bil-vara ta' Santa Marija. Mad-dħul tal-vara fil-knisja, kienet titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Mill-1968, bdiet issir ukoll quddiesa letta waranofsinhar qabel it-talb tal-Għasar.

**Festi ta' barra**
Il-festi ta' barra kienu jsiru fuq tlett ijiem u kienu jibdew fl-aħħar jum tat-Tridu. Kienu jsiru marċi u programmi kemm mill-baned tal-lokal kif ukoll minn baned barranin li kienu jkunu mistiedna għall-okkażjoni tal-festa. Fl-1965, iżżanżnu tmintax-il bandalora li juru diversi titli li nagħtu lill-Madonna fil-Litanija li llum il-ġurnata jintramaw tul Triq Raymond Caruana. Imbagħad, sentejn wara, fl-1967, iżżanżnu seba' pavaljuni ġodda bil-pittura li juru l-misteri mill-ħajja tal-Madonna.


**PROGRAMM**
TAL-FESTI LIL
**SIDTNA MARIJA**
**MTELLGĦA S-SEMA**
FIL-PARROĊĊA ARĊIMATRIĊI
TAL-GUDJA
1967

*Il-faċċata tal-programm tal-festa tal-1967*

FESTI FIL-KNISJA

11 T'AWISSU – L-EWWEL TAT-TRIDWU

Filgħaxija, fis-7.30 p.m. Għasar, Priedka mir-R.P. Vinċenz Portelli, O.P., Kurunella ta' l-Assunta, Innu tal-Madonna, Antifona u Benedizzjoni Sagramentali.

IL-ĦADD, 12 T'AWISSU – IT-TIENI JUM TAT-TRIDWU

Filgħodu, fit-8.00 a.m. Quddiesa kantata.

Fl-4.00 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.

IT-TNEJN, 13 T'AWISSU – L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDWU

Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata.

Filgħaxija bħal 11 t'Awissu.

IT-TLIETA, 14 T'AWISSU – LEJLIET IL-FESTA

Fis-7.30 a.m. Quddiesa bil-vuċijiet · Kant ta' "Te Deum" u Antifona ta' l-Assunta.

Fis-6.00 p.m. Traslazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna, Għasar Solennni, Kompieta, Salve, Litanija u Benedizzjoni Sagramentali.

Jiffunzjona l-Illmu. u Revmu. Mons. Can. Cap. Prof. S. Grima, J.C.B., Ph.D., S.Th.D.

L-ERBA', 15 T'AWISSU – JUM IL-FESTA

Fis-6.00 a.m. Kant tal-Matutin. Fis-6.15 a.m. Quddiesa letta bit-Tqarbina Ġenerali mill-Illmu. u Revmu. Mons. Can. Cap Ant. Cilia, B.A., D.D.—Fid-9.15 a.m. Kant ta' Terza u Quddie: Solenni. Wara l-Vanġelu jinseġ il-Paniġierku ta' l-Assunta l-W.R. Can. Theol. Prof. Carm. Muscat, B.A., Lic.D., S.Th.D., J.U.D.

Fil-5.30 p.m. Għasar Solenni, Kompieta, Proċessjoni bl-Istatwa Artistika tal-Madonna, Antifona u Benedizzjoni Sagramentali. Jiffunzjona l-Illmu. u Revmu. Mons. S. Grima.

Il-mużka tat-Tridwu, lejliet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tal-Mro. di Cappella G. Camilleri.

FESTI TA' BARRA

13 T'AWISSU – L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDWU

Mixgħela Ġenerali mar-Raħal — Fit-8.30 p.m. il-Banda "Our Lady of Consolation" tal-Gudja tagħmel marċ u programm.

● ● ●

14 T'AWISSU – LEJLIET IL-FESTA

Fit-8.00 p.m. Il-Banda "La Stella" tal-Gudja u l-Banda "St Catherine" taż-Żurrieq, jagħmlu marċijiet u programmi — Fil-11.00 p.m. Logħob tan-nar.

● ● ●

15 T'AWISSU – JUM IL-FESTA

Fl-4.30 p.m. Il-Banda "San Ġorġ" ta' Bormla u l-Banda "Annunzjata" ta' Ħal-Tarxien jagħmlu marċijiet u jesegwixxu programmi.

Waqt il-ħruġ u d-dħul tal-Proċessjoni jsir logħob tan-nar.

IL-KAPPILLAN.